

32002D0353

9.5.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 123/49

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-25 ta' April 2002

dwar id-deklassifikazzjoni ta' Parti II tal-Manwal Komuni adottat mill-Kumitat Eżekuttiv stabbilit mill-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985

(2002/353/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidra t- Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 tiegħu,

Artikolu 1

Billi:

1. Il-Parti II tal-Manwal Komuni għandu jiġi deklassifikat.

(1) Bid-Deċiżjoni tiegħu ta' l-14 ta' Diċembru 1993 (SCH/Com-ex (93) 22 rev) u tat-23 ta' Ġunju 1998 (SCH/Com-ex (98) 17), il-Kumitat Eżekuttiv stabbilit mill-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985, li ġie mibdul mill-Kunsill skond l-Artikolu 2 tal-Protokoll ta' Schengen, ikklassifika bħala "Kunfidenzjali" id-disposizzjonijiet tal-Manwal Komuni, li versjoni ġdida tiegħu ġie adottat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv fit-28 ta' April 1999 (SCH/Com-ex (99) 13) ⁽¹⁾.

2. L-Annessi 14b, 6b u 6c tal-Manwal Komuni, li għandhom x'jaqsmu ma' l-Annessi 5, 9 u 10 ta' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni, għandhom jibqgħu klassifikati bħala kunfidenzjali.

Artikolu 2

Il-Parti II tal-Manwal għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

(2) Il-Manwal Komuni u d-deċiżjonijiet tal-Kumitat Eżekuttiv dwar il-klassifika tiegħu jiffurmaw parti mix-Schengen *acquis* kif definit mill-Kunsill fid-Deċiżjoni tiegħu 1999/435/KE ⁽²⁾.

Artikolu 3

1. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Eżekuttiv ta' Schengen ta' l-14 ta' Diċembru 1993 (SCH/Com-ex (93) 22 rev) u tat-23 ta' Ġunju 1998 (SCH/Com-ex (98) 17) għandhom jitħassru safejn u sakemm għandhom x'jaqsmu ma' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Manwal Komuni.

(3) Parti I u diversi Annessi tal-Manwal Komuni ġew deklassifikati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/751/KE ⁽³⁾.

2. Aktar deċiżjonijiet dwar il-klassifika ta' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Manwal Komuni għandhom jittieħdu bi qbil mad-disposizzjonijiet tad-Deċiżjonijiet 2001/264/KE.

(4) Parti I tal-Manwal Komuni għandu jiġi deklassifikat ukoll.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

(5) Huwa xieraq li jitħassru d-deċiżjonijiet tal-Kumitat Eżekuttiv (SCH/Com-ex (93) 22 rev) u (SCH/Com-ex (98) 17) safejn u sakemm għandhom x'jaqsmu ma' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Manwal Komuni, sabiex aktar deċiżjonijiet dwar il-klassifika tagħhom jistgħu jitqiesu bi qbil mar-regoli dwar il-klassifika ta' dokumenti dikjarati fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/264/KE tad-19 ta' Marzu 2001 li tadotta r-regolamenti ta' sigurtà tal-Kunsill ⁽⁴⁾.

Magħmula fil-Lussemburgu, fil-25 ta' April 2002.

Għall-Kunsill

Il-President

M. RAJOY BREY

⁽¹⁾ Il-Manwal Komuni kif emendat l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/352/KE (paġna 47 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ ĠU L 176, ta' l-10.7.1999, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 303, tat-2.12.2000, p. 29.

⁽⁴⁾ ĠU L 101, tal-11.4.2001, p. 1.